Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 147/2015

Il-Pulizja

Vs

Abdulkarim Youssef Azziz

Illum 21 ta' Jannar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Abdulkarim Youssef Azziz, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 57098A, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Meta b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk if zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda fid-19 ta' Dicembru, 2014 u fil-gimghat ta' qabel gewwa l-Belt Valletta;

1. Ingurja u/jew hedded bi kliem lil martu Josephine Azziz, jew jekk kien ipprovokat ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

2. Bl-imgieb tieghu ikkaguna lil marut Josephine Azziz biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kotnra il-persuna jew il-propjeta ta' xi

hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 383 tal-Ligijiet ta' Malta tal-Kapitolu 9 sabiex jinzabbb il-bon ordni pubbliku u dan ghas-sigurta ta' Josephine Azziz.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Marzu, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 339(1)(e), 251B(1) u 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ma sabitx lill-akkuzat hati tat-tieni akkuza u minnha lliberatu. Sabithu hati tal-ewwel akkuza u rabtet lill-imputat b'garanzija tieghu nnifsu ghal sena taht penali ta' hames mitt ewro (€500) ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Hakim Azzuz, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Marzu, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellatn mhux hati tat-tieni akkuza kontra tieghu u minnha lliberatu, u;

2. thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza u mponietlu garanzija taht l-Artikolu 383 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u minflok tiddikjarah mhux hati tal-anqas tal-ewwel akkuza u konsegwentement tillberah minn kull htija u piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Hakim Azzuz huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkosnisti fil-fatt li fl-umli fehma tal-appellant, il-prosekuzzjoni bl-ebda mod ma rnexxiela tipprova l-kaz kontrih lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, senjatament fir-rigward tal-ewwel akkuza li taghha huwa nstab hati, u ghaldaqstant l-appellant kellu jigi liberat anke minn din l-akkuza;

Illi l-unika prova li kien hemm f'dan il-kaz kienet ix-xhieda ta' Josephine Azzuz li hawwdet u ghaffget kemm felhet meta telghet fuq il-pendana tax-xhieda;

Illi din ix-xhud xehdet fuq kollox u fuq xejn. Pressata mid-difiza sabiex issemmi gurnata li fiha gara' xi incident partikolari, din ma setghetx tiftakar, anzi wiegbet, b'mod pjuttost spavald, li d-data kienet imtuba fuq il-karta, b'referenza ghall-okkorrenza relattiva;

Illi t-testimonjanza taghha Josephine Azzuz taghtha f'termini generali hafna minghajr ma rabtet l-allegat tghajjir u theddid ma hin u data partikolari. Ghal persuna li marret l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt tallega li kien ilha mill-ewwel gurnata taz-zwieg tbati abbuzi minn zewgha, l-inqas li setghet taghmel kien li ssemmi jew tindika incident, imqar wiehed partikolari;

Illi l-appellant jaghmel referenza ghall-affidavit ta' WPC 9, il-kuntistabbli A. Pomroy, li lil Josephine Azzuz meta marret taghmel ir-rapport, staqsieta ghalfejn, wara dawn is-snin kollha, kienet tkellmet biss issa u ghalfejn qatt ma ghamlet rapporti qabel. Domanda indikattiva hafna din;

Illi fuq il-pedana tax-xhieda l-allegata vittma lanqas setghet tiftakar ezattament l-allegat tghajjir u theddid x'kien jinvolvi jew xi kliem specifici suppost uza kontriha l-appellant;

Illi f'dawn l-estremi ma steghetx tinstab htija fuq l-appellant ghall-ewwel akkuza meta l-unika prova, minghajr ebda korroborazzjoni ohra, kienet testimonjanza ta' din il-kwalita', li ma ghandiex mis-sewwa, li kienet mimlija kontradizzjonijeit u li nghatat minn persuna li bir-rispett kollu, l-Ingliz komunement jirreferu ghaliha bhala 'a scorned wife';

Illi l-artikolu 638(2) tal-kap 9 tal-Ligjiet ta' malta, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u komputa minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. Din l-istess Onorabbli Qorti fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Thorne tad- 9 ta' Lulju, 2003 irriteniet li 'mhux kull konflitt fil-provi ghandu atomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temment u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux.;

Illi ghalhekk l-appellant huwa ben konsapevoli li huwa principju ben stabbility li xhud wiehed hekk emmnut, huwa bizzejjed biex tigi ppruvata xi imputazzjoni. Fil-fatt il-mistoqsija li ghandu l-appellant hija propju, kif setghet qatt tigi emmnuta din ix-xhud?

Illi t-testimonjanza ta' Josephine Azzuz ma kienitx sufficjenti biex tinstab htija fl-imputat appellat fil-konfront tat-tieni akkuza, li kienet ta' natura aktar gravuza ghalih, izda in vista ta' dak kollu hawn fuq riprotat, huwa kellu indubbjament jigi lliberat anke mill-ewwel akkuza dedotta kontra tieghu;

Illi l-imputat appellant ukoll ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda u xehex b'mod onest u veritier. Ghall-kuntrarju ta' martu, l-appellant kien konsistenti fi kliemu u taht gurament huwa xehed li hwua qatt ma ghamel xejn minn dak allegat minn Josephine Azzuz u li l-ewwel darba li sema' b'dak kollu kien meta mar id-Depot fil-5 ta' marzu, 2015 u tawh l-akkuzi kontrih u l-Affidavit ta' WPC 9 A. Pomroy. L-unika domanda li saritlu mill-Prosekuzzjoni lill-appellant kienet ghalfejn huwa ma kienx mar l-Ghassa tal-Pulizija meta baghtu ghalih il-puliziaj biex ikellmuh l-ewwel darba u huwa wiegeb ghal din id-domanda b'mod konvincenti, tant li laqnas gie mistoqsi aktar domandi mill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-impunjattiva imressqa mill-appellanti hija wahda limitata ghall-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u dan meta sabitu hati tal-ewwel akkuza dedotta kontra tieghu billi huwa gie illiberat mit-tieni imputazzjoni. Dan ghaliex

jishaq illi ix-xhieda tal-parti leza li kienet l-uniku xhud imressqa mill-Prosekuzzjoni hija wahda inkonsistenti u mimlija kontradizzjonijiet fejn hija lanqas kienet kapaci tidentifika il-jum ta'l-incident mertu tal-kaz. Gjaldarba l-uniku xhud ma setatx tigi emmnuta allura l-artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ma kellux isib applikazzjoni ghal dan il-kaz.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti mal-medda tas-snin illi il-Qorti ta'l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta'l-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kenitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha[1]. Huwa biss meta din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setatx ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida u impellenti sabiex din tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Illi f'dan il-kaz din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tisma' lill-partijiet involuti f'dan il-kunflitt matrimonjali jaghtu d-deposizzjoni taghhom u tara li ma hemmx dak il-mottiv impellenti li qed iwassalha sabiex tbiddel il-konkluzjoni milhuqa mill-Ewwel Qorti li issa wara snin twal tippresjedi fuq dawn it-tip ta' kawzi certament ghandha esperjenza vasta ta' kawzi matrimonjali bhal din ix-xorta.

Illi mix-xhieda tal-kontendenti ma hemmx dubbju illi hemm disgwid bejniethom tant illi jidher illi z-zwieg taghhom tfarrak irrimedjabbilment u *di piu'* illum l-appellanti ghandu hbiberija ma' mara ohra li ighid illi tiehu hsieb il-bzonnijiet tieghu iktar mill-mara tieghu li kienet qed tittraskurah billi ma issajjarlux u ma tahsillux il-hwejjeg u minflok tqatta' hafna sighat barra mid-dar. Il-parti leza minn naha taghha, izda, tikkontendi illi hija ilha tissubixxi vjolenza fizika u morali mill-appellanti sa mill-bidunett taz-zwieg taghha u tiddeskrivi okkazzjoni fejn huwa anke heddidha b'imqass li ser joqtolha. Hija sa fl-ahhar fuq parir ta' nies professjonali li qed

[1] Ara fost ohrajn Il-Pulizija vs Raymond Psaila et – 12/05/1994; Il-Pulizija vs Amadeo Brincat – 06/06/1994, Il-Pulizija vs Carmelo Schembri – 28/04/1995; Il-pulizija vs Ezzawi Mehemed 03/11/1995

ighinuna, ghamlet rapport l-ghassa tal-pulizija. Illi din il-Qorti, bhal l-Ewwel Qorti tara illi x-xhieda ta'l-parti leza ghandha iktar mis-sewwa minn dik ta'l-appellanti li minn naha tieghu jichad kategorikament li qatt ghamel xi haga lil martu u anzi ighid illi huwa kien jaghmel l-almu tieghu biex jaqla' il-flus halli imantnieha, izda imbaghad fl-istess nifs isostni illi hija ma kenitx taghti kasu tant illi anke wasal biex fittex relazzjoni extra-konjugali. Ma jistax ikun allura illi f'dina l-atmosfera ta' disgwid matrimonajli qatt ma inqala' xi argument bejn il-konjugi kif donnu qed jipprova l-appellanti igieghel lil din il-Qorti temmen.

Illi l-akkuza imressqa fil-konfront ta'l-appellanti tirreferi ghal gurnata tad-19 ta' Dicembru u il-gimghat ta' qabel li ifisser allura illi l-incident li tirreferi ghalih l-appellanti fejn zewgha heddidha mhux necessarjament sehh fid-19 ta' Dicembru u allura ghalkemm l-appellanti jipprova jizgwida lill-parti leza meta jinsisti illi hija kienet inkonsistenti fix-xhieda taghha ghaliex lanqas setghet tiftakar id-data ta'l-incident, ma iwassalx ghal-liberazzjoni ta'l-appellanti mill-akkuza li dwarha huwa gie misjub hati. Illi l-appellanti ghalhekk ma iressaq l-ebda prova sabiex igieghel lill-Qorti temmen illi l-incident li tirreferi ghalih l-parti leza ma sehhx.

Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet probatorji, din il-Qorti ma tara l-ebda mottiv 'il ghala ghandha titbieghed mid-decizjoni milhuqa mill-Ewwel Qorti billi abbazi tal-provi li kellha quddiemha setghet ragjoneveolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur